MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 93/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Joseph Cauchi**

Numru 93/2013

Illum 12 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Joseph Cauchi**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Saviour u Carmen Mary neé Axiak, imwieled Australia nhar it-16 ta' Marzu 1986, residenti 'Emerald Court', Flat 1B, Triq Guzé D'Amato, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 61196(M), akkuzat talli nhar it-12 ta' Dicembru 2012 u fil-granet ta' qabel gewwa Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinjiet differenti:

1. sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu minn *road licence* bin-numru tar-registrazzjoni JKS 288 fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Mitsubishi;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur u cioé ghamel uzu min numri tar-registrazzjoni LAI 184 fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Mitsubishi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu (Dok. "B"), li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 188(1) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat John Joseph Cauchi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------